

31991L0659

L 363/36

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

31.12.1991

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL****tat-3 ta' Diċembru 1991**

**li taddatta skond il-progress tekniku l-Anness I mad-Direttiva 76/769/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (l-asbestos)**

(91/659/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

materjali u l-preparazzjonijiet applikati bil-bexx bl-isprej, fil-prodotti fil-għamla ta' trab li jinbiegħu bl-imnut, fl-aċċessorji tat-tipjip, fil-heaters katalitiċi, fiż-żebgħa u fil-verniċijiet;

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi <sup>(1)</sup> kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 86/339/KEE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2a tagħha, imdaħħal bid-Direttiva 89/678/KEE <sup>(3)</sup>,

Billi l-użu ta' l-asbestos u saħansitra tal-prodotti li jkun fihom minnu jistgħu, bir-rilaxx tal-fibri, jikkawżaw l-asbestos u l-kanċer tal-pulmun; billi t-tqegħid fis-suq u l-użu tagħhom għandhom għalhekk ikunu bla ħsara għall-eħrex restrizzjonijiet possibbli;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 83/478/KEE <sup>(4)</sup> li temenda għall-ħames darba d-Direttiva 76/769/KEE speċifikat illi t-tip kroċidoli tal-fibri ta' l-asbestos u l-prodotti li jkun fihom minnu illi ma jistgħux, bi tliet eċċezzjonijiet possibbli, jitqiegħdu fis-suq u jiġu wżati; billi din l-istess Direttiva stabbilixxiet it-tikkettjar obbligatorju fuq il-prodotti kollha li jkun fihom il-fibri ta' l-asbestos;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 85/610/KEE <sup>(5)</sup> li temenda għas-seba' darba d-Direttiva 76/769/KEE speċifikat illi l-fibri ta' l-asbestos ma jistgħux jitqiegħdu iktar fis-suq u jiġu wżati fil-ġugarelli, fil-

Billi huwa meħtieġ monitorjar imtejjeb tal-marketing u ta' l-użu tal-fibri perikolużi ta' l-asbestos għalbiex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem, b'mod speċjali għaliex jeżistu għal ċerti użi prodotti ta' sostituzzjoni li huma kkunsidrati, fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskji, bħala inqas perikolużi;

Billi mod effettiv ħafna għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent huwa li jiġi pprojbit l-użu ta' ċerti fibri, bħal dawk ta' l-asbestos amfibolu, li skond uħud mis-sorsi xjentifiċi huma partikolarment perikolużi; billi għal raġunijiet prattiċi din il-projbizzjoni ma' tistax għalissa tiġi estiża għall-materjali li jinsabu fin-natura bħalma huma l-metalli u r-ramel li jkun fihom l-asbestos bħala impurità naturali;

Billi għadu mhux disponibbli fil-wisa' eżami dwar l-istat fiss tal-fibra sabiex jistma l-perikoli li joħorġu minn prodotti partikolari li jkun fihom l-asbestos; billi, minkejja dan, għandhom jitmexxew 'il quddiem il-prodotti li jnaqqsu r-riskju ġenerali lill-bniedem u lill-ambjent;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 91/382/KEE <sup>(6)</sup> temenda d-Direttiva 83/477/KEE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu ma' l-espożizzjoni għall-asbestos waqt ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fit-tifsira ta' l-Artikolu 8 tad-Direttiva 80/107/KEE);

<sup>(1)</sup> ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 201.

<sup>(2)</sup> ĠU L 186, tat-12.7.1991, p. 64.

<sup>(3)</sup> ĠU L 398, tat-30.12.1989, p. 24.

<sup>(4)</sup> ĠU L 263, ta' l-24.9.1983, p. 33.

<sup>(5)</sup> ĠU L 375, tal-31.12.1985, p. 1.

<sup>(6)</sup> ĠU L 206, tad-29.7.1991, p. 16.

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Addattament mal-Progress Tekniku tad-Direttivi dwar it-Tneħħija ta' Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ fis-Sustanzi u l-Preparazzjonijiet Perikolużi,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

L-Anness I mad-Direttiva 76/769/KEE huwa hawnhekk addattat għall-progress tekniku kif iddikjarat fl-Anness ma' hawn.

*L-Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-1 ta' Jannar 1993, u għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih. Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Lulju 1993.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu

akkumpanjati b'din ir-referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni mhux iktar tard minn 18-il xahar wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva t-test tad-dispożizzjonijiet fil-liġijiet nazzjonali li jkunu adottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*L-Artikolu 3*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-3 ta' Diċembru 1991.

*Għall-Kummissjoni*

Martin BANGEMANN

*Vċi-President*

## L-ANNESS

Fl-Anness I mad-Direttiva 76/769/KEE il-punt 6 għandu jiġi mibdul bil-punt li ġej:

- “6.1. Il-Kroċidolit, Nru tas-SAK 12001-28-4  
 L-Amosit, Nru tas-SAK 12172-73-5  
 L-Asbestos antofillit, Nru tas-SAK 77536-67-5  
 L-Asbestos aktinolit, Nru tas-SAK 77536-66-4  
 L-Asbestos tremolit, Nru tas-SAK 77536-68-6
- 6.2. Il-Krisotil, Nru tas-SAK 12001-29-5
- 6.1. It-tqegħid fis-suq u l-użu ta' dawn il-fibri u tal-prodotti li jkun fihom dawn il-fibri miżjuda b'mod maħsub għandhom jiġu pprojbiti.
- 6.2. It-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti li jkun fihom din il-fibra għandhom jiġu pprojbiti għal:
- il-ġugarelli;
  - il-materjali u l-preparazzjonijiet maħsuba sabiex jiġu applikati bil-bexx bl-isprej;
  - il-prodotti mlestija li jiġu mibjugħa lill-pubbliku bl-immunt fil-għamla ta' trab;
  - l-oġġetti tat-tipjip bħall-pipi tat-tabakk u l-bokkini tas-sigaretti u tas-sigarri;
  - il-filtri katalitiċi u l-mezzi ta' l-iżolazzjoni għalbiex jiġu inkorporati f'heaters li jużaw il-gass illikwifikat;
  - iż-żebgħa u l-verniċijiet;
  - il-filtri għal-likwidi.  
 Bħala deroga, din il-projbizzjoni m'għandhiex tapplika għall-filtri għall-użu mediku sal-31 ta' Diċembru 1994;
  - il-materjal għall-kisi ta' l-uċuh tat-toroq fejn il-kontenut tal-fibri huwa ikbar minn 2 %;
  - il-ġir tat-tikħil, il-kisi protettiv, l-oġġetti tal-mili, l-oġġetti li ma jħallux l-ilma jgħaddi, il-komposti li jagħmlu l-ġonot, il-gomma (użata fil-verniċi), il-kolla, it-trab tat-tiżjin u l-finituri;
  - il-materjali ta' densità baxxa sabiex jiżolaw jew ineħħu l-ħoss (ta' densità inqas minn 1 g/cm<sup>3</sup>);
  - il-filtri ta' l-arja u l-filtri fit-tqassim tat-trasport u l-utilizzazzjoni tal-gass naturali u l-gass ta' l-aċetilena;
  - il-kisi ta' taħt għall-pavimenti u għall-għata tal-ħitani;
  - it-tessuti lesti fil-għamla maħsuba li jiġu forniti lill-aħħar konsumatur għajr jekk ikunu trattati għalbiex jevitaw irrilaxx tal-fibri.  
 Bħala deroga, din il-projbizzjoni m'għandhiex tapplika għad-dijaframmi fil-proċessi bl-elettrolisi sal-31 ta' Diċembru 1994;
  - il-feltru għall-kisi tas-soqfa.
- Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet l-oħra Komunitarji dwar il-klassifika, il-pakkeġġjar u t-tikkettjar tas-sustanzi u l-preparazzjonijiet perikolużi, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti li jkun fihom dawn il-fibri jistgħu jiġu permissi biss jekk il-prodotti jgħorru tikketta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness II mad-Direttiva 76/769/KEE.”